MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 1670/2010

**Carmelo Caruana Company Limited (C-9616)**
**Vs**
**Avantgarde Projects Limited (C-37657) u**
**fit-13 ta' Jannar 2011 giet kjamata in kawza s-socjeta' Avantgarde Holdings Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' kjamata in kawza Avantgarde Holdings Ltd ghamlet uzu tas-servizzi pprovduti mis-socjeta' attrici u cjoe dawk ta' garr ta' merkanzija bil-bahar, liema servizz gie finalizzat fil-11 ta' Marzu 2010; fil-hdax ta' Marzu 2010 s-socjeta' konvenuta ghamlet hlas ghas-servizzi pprovduti permezz ta' cekk maħrug minn BANIF Bank (Malta) p.l.c., liema cekk ma giex onorat mit-tali bank f'zewg okkazzjonijiet separate, u cjoe fit- 22 ta' marzu 2010 u fl-14 t'April 2010. Konsegwentement, is-socjeta' attrici ghadha ma haditx il-pagament ghas-servizzi pprovduti, liema ammont huwa dak ta' elf sebgha mija u disgha ewro u dsatax-il centezmu (€1,709.19); ghaldaqstant is-

socjeta' konvenuta ghandha thallas is-somma ta' €1,709.19 flimkien mal-ispejjez u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-wiehed u tletin t'Awwissu elfejn u ghaxra (31/08/2010) (rif. 2738/10), ingunta minn issaghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' Avantgarde Projects Limited fejn eccepiet illi b'mod preliminary, bejn is-socjeta' attrici u dik imharrka ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika stante li din ta' l-ahhar qatt ma kkommissjonat is-servizzi allegati u pretizi minn dik ta' l-ewwel; illi kwalsiasi negozju kondott mis-socjeta' attrici marbut mal-fatti allegati fl-att promoter gew maghmula mas-socjeta' Avantgarde Holdings Limited (C-27163) u mhux ma dik hawn imharrka. Dan ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-proceduri; illi in vista ta' dan, is-socjeta' Avantgarde Holdings Limited ghandha tigi msejjha f'dawn il-proceduri hekk kif jghid u jrid l-Artikolu 6(1) tal-Ligi Sussidjarja 380.01 tal-Ligijiet ta' Malta; illi ghalhekk is-socjeta' imharrka m'ghandiex tirrispondi ghad-debitu lilha imputat; illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet *supra*, fi kwalsiasi kaz is-socjeta' attrici galadarba il-pretiza taghha hija nfondata kemm fattwalment u kemm legalment; illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak sovra mqanqal, kwalsiasi allegazzjoni ta' fatt u kwalsiasi pretiza mressqa mis-socjeta' attrici ghandha tigi debitament provata minnha in virtu' ta' l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif abbinat ma' l-Artikoli 558 u 559 ta' l-istess Kapitolu tal-Ligijiet; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permez ta digriet moghtija fis-seduta tat-13 ta Jannar 2011 giet kjamata in kawza is-socjeta avantguarde Holdings limited.

Ra l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata in kawza, Avantgarde Projects Limited, li ecceppiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt galadarba s-socjeta' attrici kienet hi stess inadempjenti u dan ghar-raguni li l-istess qed tippretendi hlas ta' servizzi li gew rezi tardivament b'detriment ghas-socjeta' kjamata in kawza, u dan hekk kif ser jigi pprovat f'dawn il-proceduri; illi ghalhekk is-socjeta' kjamata in kawza m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici

u dan fuq il-bazi tad-difiza ta’ ‘inademplendi contractur’, stante ma kienx hemm mil-prestazzjoni promessa da parti tas-socjeta’ attrici kif pattwit u per konsegwenza kien hemm ksur tal-kontrattazzjoni; illi ‘inademplenti non est ademplendum’ ossia s-socjeta’ attrici kienet inadempjenti u vjolat l-obbligu taghha di fronte ghas-socjeta kjamata u ghaldaqstant hu mmorali li ta’ l-ewwel titlob it-twettieq ta’ l-obbligazzjoni (il-hlas) kontra din ta’ l-ahhar, meta s-socjeta’ attrici stess tinsab fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parte taghha hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt (konsenja tardiva); illi bhala konsegwenza tad-dewmien fl-espletament ta’ l-inkarigu tas-socjeta’ attrici, s-socjeta’ kjamata in kawza inkorriet f’penali li jissupera bil-bosta l-ammont pretiz minn dik attrici. Illi dan il-fatt gja gie, *inter alia*, rilevat lis-socjeta’ attrici permezz ta’ risposta datata 17.IX.2010 fl-atti ta’ ittra ufficjali ai termini ta’ l-Art. 166A tal-Kodici ta’ Procedura Civili u permezz ta’ ittra ufficjali datata 23.XII.2010 mressqa mis-socjeta’ kjamata in kawza; illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu sovra eccepit, jikkompeti lis-socjeta’ attrici li tipprova l-kaz u l-pretiza taghha, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 562 tal-Kodici ta’ Procedura Civili, kif abbinat ma’ l-Artikoli 558 u 559 tal-istess Kodici; salv eccezzjonijiet ohra w ulterjuri permessi mill-Ligi.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha;

Sema ix-xhieda ta’ Julian Attard, u Andrew Gerada impjegati tas-socjeta attrici u Joseph Vella ghas-socjeta konvenuta u kjamat in kawza.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u il-verbal li bih thalliet illum ghas-sentenza.

Din it-talba tikkoncerna talba ghall-hlas ta’ servizzi rezi ghall-garr ta’ merkanzija mis-socjeta attrici. Illi is-socjeta konvenuta iddikjarat illi ma hijiex il-legittmu kontraditrici u semmiet lis-socjeta Avantguard Holdings Limited li iddahlet bhala kjamat in kawza u li ukoll ikkontestat illi l-ammonti huma dovut stante illi is-servizz gie rez tardiv u minhabba l-allegat dewmien hi inkorriet id-danni.

Mill-provi jirizulta illi:
Illi s-socjeta Avantguare Holdings limited inkarigat lis-socjeta attrici biex igorr konsenja ta’ merkanzija ta’ madum, *bathroom accessories, parquet, granite, mosaic u sanitary ware* mic-Cina lejn il-bidu ta’ Frar 2010.
Illi fix-xhieda tieghu Joseph Vella iddikjara illi peress li Avantguard Holdings Limited kellha bzonn li il-konsenja tal-merkanzija tkun wahda spedita u ghalhekk kienet saret premura f’dan is-sens.

Il-ftehim sar f’Jannar 2010. Irrizulta illi fiz-zmien li kellha tingarr il-merkanzija kienet ic *Chinese New year*. Hareg ukoll li il-partijiet koncernati kienu konxji tal-fatt illi Fic-*Chinese New Year* jkun hemm problem ta dewmien ghaliex il-portijiet ta’ Cina jaghlqu ghall-gimgha shiha.

L-ordni kien sar fi Frar 2010 u il-partijiet ftehmu li tithallas Emergency Space Surcharge fl-ammont ta €187.42. Ix-xhieda taz-zewg partijiet spjegaw illi thallas din is-somma biex il-konsenja in kwistjoni tiehu priorita u tkun wahda spedita.

Jidher illi il-konsenja waslet Malta f’10 ta’ Marzu 2010 fuq il-vapur CMA CGM La Traviata minflokk il-Verdi kif indikat u kif xtaqet is-socjeta kjamat in kawza fil-bill of lading.[1]

Illi mal-wassla taghha fuq il-vapur CMA CGM La Traviata thallas *cheque* minn Avantguarde **Projects**[2] Limited fl-ammont ta’ €1,709.19 u minkejja zewg tentativi wahda fi 22 ta’ Marzu 2010 u ohra fit 4 ta’ April 2010 ic-*cheque* ma giex onorat u is-socjeta attrici baqghet ma thallsitx. [3]

Joseph Valla spjega illi Avantguarde Projects limited u Avantguarde Holdings Limited huma parti ta l-istess grupp ta’ socjetajiet, jahdmu flimkien u huma il-propjeta ta’ Joseph Vella. Joseph Valla spjega li Avantguarde Holdings Limited hija il-kumpanija li timporta il-merkanzija u Avantguarde Projects limited hi is-socjeta responsabbli li twettaq ix-xoghol. Spjega ukoll li kienet pero Avantguarde

[1] Ara Notice of arrival DOk JA1 u ix-xhieda ta julian Attard.
[2] Emfasi mizjuda
[3] Ara dok AG1 a fol 28 tal-process

Holdings Limited li ghamlet il-ftehim u n-negozjati kollha mas-socjeta attrici. [4] dan il-fatt ma giex ikkontestat.

Joseph Vella, spiega li kien importanti illi il-konsenja jassal fil-hin ghaliex Avantguarde Projects[5] Limited kienet dahhlet fi ftehim ma terzi fejn jekk tiitardja kelhha thallas il-penali. Zied ukoll illi huma kellhom ufficcju fic-Cina u kienu jafu dak li kien qed jigri u ghalhekk xtaqu bastiment specifku ossia CMA GCGM Verdi ghaliex kienet gejja Malta f'certu perjodu.

Illi fil-4 ta Frar 2010 kienu taw il-*container* mimli lis-socjeta CMA CGM. Il-*container* gie mghobbi fuq *feeder vessel* Jin Hui u kellha tigi mghobija fuq il-vapur Verdi anke skont bill of lading anness[6].

Illi mill-korrespendena hareg li 5 ta Frar 2010[7] li s-socjeta attrici infurmat lis-socjeta Kjamat in kawza (specifikatament lill-Matthias Vella - it-tifel ta joseph vella) li kien hemm problema ta' dewmien ghaliex il-vapur wahhal fi-dwana ta' Cina.[8] Julian Attard, l-impjegat tas-socjeta atrici, iddkjara illi hu kien anke informa lil-Matthias Vella ta' dan kollu permezz -telefon.

Il-merkanzija wasslet Malta fl-10 ta marzu 2010. L-ghada giet rkuprata mis-socjeta Avantgaurde projects Limited li halset l-ammont totali indikat fl-inovice

IKKONSIDRA

1. Illi in linea preliminari it-Tribunal ghandu jitratta u jideciedi dwar l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta Avantguarde Projects limited li ma hijiex il-legittmu kontradittrici.

Illi hemm qbil li il-ftehim ntlahaq bejn Avantguarde Holding limited u s-socjeta attrici. Illi l-*inovice u bill-of lading* isemmu lil Avantguarde Holding Limited biss.

---

[4] Ara xhieda ta vella a fol 38 u ta Julian Attard

[5] Emfazi mizjuda

[6] Ara Dok GA2

[7] Ara fol 66 tal-process

[8] Ara ukoll email 9/3/2010 a fol 53 tal process

Illi min-naha l-ohra pero kienet is-socjeta konvenuta li hallset il-fattura permezz ta' cekk li ma gie onorat. Illi l-ammont kollu mertu tal-kawza thallas mis-socjeta Avatguarde Projects limited li umbaghad kien sar *stop payment*.

Fil-fehma tas-socjeta attrici huwa accettazzjoni ta' debitu, filwaqt li fil-fehma tas-socjeta konveuta peress illi ma ffiguratx fin-negozjati u dahlet biss meta harget pagament ma iffissirx li assumiet ebda obbligu kontrattwali. Il-paritjiet ikkwotaw diversi sentenza in sostenn tal-argumenti taghhom.

Mill-provi hareg li sakemm waslet il-merkanzija f'Malta Avantguarde Projects ma dahhlitx fil-kwistjoni. Dahlet pero meta marret biex tirrkupra il-merkanzija biex tehodha u hawnhekk ukoll ghamlet il-pagament sorte tal-kawza odjerna.

Kif diga inghad iz-zewg socjetajiet jahdmu flimkien wahda tiehu hsieb ghall-import tal-merkanzija u l-ohra ghall-kuntratti u twettiq tax-xoghol. Kienet is-socjeta Avantguarde projecys Limied li gabret il-merkanzija u hi prezentat cheque ghall-hlas. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk ghalkemm ma dahhlitx fin-negozju stess illi il-merkanzija kienet ghall-beneficcju ukoll tas-socjeta Avantguarde projects Limited. Infatti il-kunratt mat-terz li issemiet kien bejn Avantguarde Projects Limited u it-terz. Ta min izied ukoll li

It-tribunal jzid ukoll illi is-socjeta konveuta ma spjegatx u lanqas ma tat gustisfikazzjoni ghaliex ma onorotax il-cheque mahruga minnha. Hareg ukoll mix-xhieda ta' Andrew Gerada li wara li kien informa lil joseph vella li ic-cheque ma giex onorat Joseph valle kien qali biex ihalli ftit zmien u jerga jiprova. [9]

Huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostarna illi meta wiehed johrog cheque a favur t'iehor dan minnu jikkrea relazzjoni guridiku u dan minhabba il-fatt li cheque

---

[9] Ara xhieda a fol 26 tal-process.

(li ghandu l-istess kwalitijiatet ta  Kambjal) jikkrea prima facie relazzjoni bejn il-partijiet. [10]  Illi ghalhekk id-debitur ghandu umbaghad igib prova illi huwa m'ghandux relazzjoni guridiku. Illi s-socjeta konvenuta ghamlet rigferenza ghall-diverzi senetenzi fejn gie iddikjarat li fejn wiehed jghamel *hlas akkont*[11] *ta' dejn, li mhuwiex tieghu ma jfissirx illi wiehed qed jassumi id-dejn* jew li qed jassumi l-obbligi kontrattwali tad-debitur principali[12].

Illi fil-kawza odjerna il-hlas li sar mis-socjeta konveuta kien permezz tac-cheque u kien il-hlas kollu tat-transazzjoni. Kienet is-socjeta konveuta ukoll li irkuprat il-merkanzija. Dawn l-atti u ic-cirkostanzi ta'din il-kawza ma jistawx jigi interpretati bhala hlas akkont semplici. Dawn l-atti jinvolvu is-socjeta Konveuta b'mod tali li issa ma tistax tiddikjara illi ma hijiex leggittma kontraditrici f'din il-kwistjoni. Ghalhekk gie ikkreat rapport apparti minn dak kontrattwali ezsitenti bejn is-socjeta kjamat in kawza u is-socjeta attrcic. Ghaldaqstant ma tistax f'dan l-istadju tghid illi ma hiex legittima kontradici. u ghandha tkun parti mill-kawza. Ghaldaqstant it-tribunal tichad l-ewwel eccezzjoin tas-socjeta konvenuta.

2. Illi ghal dak li jikkoncerna il-meritu -  f'din il-kawza hemm kontestazzjoni dwar li l-ammont mhuwiex dovut ghaliex is-serviz gie rez tardivament ossia *inademplenti non est ademplendum.* Izzid ukoll illi s-socjeta Kjamat in Kawza iddikjarat[13] li inkorriet danni minhabba dan id-dewmien ghaliex kellha Avantguarde Projects Limited kellha kuntratt ma socjeta ohra Atruim. [14] Pero ghat-

---

[10] Anthony Borg V Anthony Francis Willoughby et  (31/10/2007) - Ghalhekk il-kreditur li jagixxi, *invokanti titolu simili, hu f'certu sens dispensat bis-sahha ta' l-istess cheque u titolu milli jipprova r-rapport fondamentali; mentri d-debitur,emissarju tac-cheque, ma jistax jippretendi li jista' johloq dubji fuq it-titolarita` tal-kreditu vantat, u in mankanza ta' eccezzjonijiet jew difiza riflettenti fuq l-obbligazzjoni – ad exemplum, l-exceptio doli - ikollu jbati r-riskju ta' leventwali rifjut jew nuqqas tal-hlas reklamat;*

[11] Enfazi mizjuda

[12] *J & C Pisani Lmited v Nicholsons The Supermarket Limited PrimAwla - 30/10/2003*

[13] Ara xhieda ta Joseph Vella a fol 39 u 40 (…*Ahna kellna kuntratt ma Atruim u jekk kien ikun hemm delays kellna penalties ta 450 kuljum ghad-delay…. Il-penali li kellna inhallsu cioe Avantguarde Projects Lmited kienet ta 4,500. Nghid pero illi fl-ahhar kellha thallas Holdings ghaliex hi kienet komessa li twassal ix-xoghol f'certu dati u din m'ghamiltux)*

[14] Ara xhieda ta Joseph Vella a fol 39 u 40

tribunal huwa fattur important hafna li ma saritx kontro-talba u lanqas ma gew presentati evidenza tad-danni jew hlas tad-danni jew kuntratt fejn tispecifika illi jekk kien hemm xi tip dewmien kellha thallas id-danni.

It-tribunal jaghmel riferenza ghall-*bill of lading* esebit hija fi kwalunkwe kaz evidenza tal-kuntratt ta garr u il-bazi fuqhiex il-*carrier* intrabat li jgorr il-merkanzija odjern (ghalkemm jindika vapur iehor) : Klawzola 8 tghid :
*The carrier does not undertake that the goods shall arrive at the port of discharge ar place of delivery at any particular time or to meet a particular market or use and the carrier shall in no circumstance whatsoever however arising be liable for direct indirect or consequential loss or damage caused by delay.*

Huwa fatt mhux kontestat illi il-partijiet kollha kienu konxxji mill-problema tac *Chinese New Year* u li ghalhekk kienet thallset *emergency space surcharge*. Ma irrizultax minn ebda dokumentazzjoi jew korrspondenza li kien hemm xi kundizzjonjiet jew termini ohra ghall-hlas ta' dan is-*surcharge* hlief li il-konsenja tinghata prioirita. Infatti is-socjeta attrici iddikjarat *din ma tiggarrantixxiex necessarjament li il-konsenja titghabba fuq il-vapur mixtieq hija xorta wahda tinghata priortita fuq containers ohra.*[15]

L-argument ta' Avantguarde holdings limited huwa li ma gietx infurmata *a tempo* li il-merkanzija thalliet l-art ghal-perjidu ta 14 il-jum. Pero jidher illi kien hemm kommunikazzjoni kontinwu. Illi lanqas ma jidher li kien hemm xi tip ta htija jew negligenza da parti tas-socjeta attrici f'dan id-dewmien.

It-tribunal ihoss illi ghalhekk in vista tal-provi kollha quddiemu is-socjeta attrici ghamlet dak kollu li setghet.

Illi t-tribunal izzid li il-fatt stess li sar hlas permezz ta cheque fih inifsu amissjoni ta' debitu. Azzjoni fejn wiehed

[15] Ara Nota ta sottomissjonijiet tas socjeta attrcic a fol 2

jaghmel *Stop payment* ta cheque mingahjr spjegazzjoni u lanqas gustifikazzjoni huwa inaccettabli.

DECIDE

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jaqta jiddeciedi billi jirespingi l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkondanna is-socjeta konvenuta u kjamat in kawza sabiex in solidum bejnithom ihallsu l-ammont ta €1,709.19 flimkien mal-ispejjez u l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-wiehed u tletin t'Awwissu elfejn u ghaxra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------